MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Avviz Numru. 18/2007

Mons Joe Vella Gauci

Vs

Andrew Formosa bhala editur u A & M Printing bhala stampatur

Il-Qorti,

Rat l-avviz prezentat fl-14 ta' Settembru 2007 li fih l-attur talab li prevja d-dikjarazzjoni illi l-kontenut ta' l-artiklu ippubblikat fil-faccata tar-rivista "Il-Belt Victoria" mahruga mill-parrocca ta' San Gorg (Ghawdex) fis-suppliment Lulju – Awwissu 2007 harga numru 157 intitolat *"Il-verita dwar il-kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir kontra Radju Katidral"* – li taghha inti responsabbli – hija malafamanti u libelluza u ghandha l-iskop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-atturi, thallas dik is-somma li tigi likwidata min din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fis-17 ta' Ottubru 2007 (fol. 6) li biha qeghdin jecepixxu fost'affarijiet ohra:

1. Illi l-attur Rev. Joe Vella Gauci personalment ma ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jntavola dina l-kawza u dana stante li ma ghandux jokkupa l-kariga ta' Arcipriet u lanqas kwalsiasi kariga tar-radju bhal Radju Katidral.

2. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut Andrew Formosa ma huwiex l-editur ta' l-imsemmi suppliment allegatament malafamanti u libelluza u kwindi ghandu jigi liberat mill-gudizzju.
3. Illi, sekondarjament u bla pregudizzju ghall-process l-attur ghandu jindika dik il-parti jew partijiet li l-attur qieghed jallega li hija malafamanti u libelluza.

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-istess kontenut ta' l-artiklu ippublikat ma huwiex malafamanti u libelluz u dana stante li l-istess artiklu qed jaghti *a fair comment* tal-avvenimenti kif fil-fatt graw u dana hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni ta' dina l-istess kawza.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat ir-rikors prezentat mill-attur fit-22 ta' April 2008 li permezz tieghu talab li l-Qorti tordna li jigi msejjah fil-kawza Monsinjur Guzeppi Farrugia u dan peress fl-affidavit li ghamel kien iddikjara: *"Is-Suppliment Lulju-Awwissu 2007 tar-rivista il-Belt Victoria mahruga mill-Parrocca ta' San Gorg (nru: 157) hareg bl-awtorita' tieghi, inkluza l-introduzzjoni fl-ewwel pagna intitolata 'Il-Verita' dwar il-Kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir kontra Radju Katidral'."* (fol. 18).

Rat ir-risposta prezentata mill-konvenuti fit-12 ta' Mejju 2008.

Ikkunsidrat:-

1. Dawn huma proceduri ta' libell li saru mill-attur taht il-ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). L-attur hassu li gie malafamat bil-pubblikazzjoni u distribuzzjoni ta' suppliment[1] tar-rivista li tohrog il-parrocca ta' San Gorg, Ghawdex bl-isem Il-Belt Victoria. Rivista li mill-provi rrizulta li hi pubblikata u titqassam kull xahrejn. Fis-suppliment in kwistjoni nkiteb artiklu bit-titlu *"Il-verita' dwar il-kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir kontra Radju Katidral"* li l-qorti qeghda tifhem li gie pubblikat b'reazzjoni u twegiba ghall-artiklu li nkiteb mill-avukat Dr. Michael Caruana (fol. 21) u pubblikat f'dak li gie deskritt bhala *"….ktejjeb-programm 'Festa Santa Marija 2007'…."*[2]. Fl-artiklu miktub mill-avukat Caruana inghad: *"Fil-fatt saret pressjoni harxa fuq l-Awtorita' tax-Xandir minn min messu jisthi li dahhal lill-Awtorita' tax-Xandir go sqaq, biex tohrog stqarrija bl-iskop li thammar wicc ufficjal tas-Soc. Fil. Leone. Izda dan it-tentattiv sfaxxa fix-xejn ghaliex wara li l-Awtorita' semghet u xtarret il-fatti kif verament sehhew, l-istess Awtorita' tax-Xandir, wara li hadet pariri legali, irtirat id-direttiva li kienet harget, ghaliex din kienet informata illi l-istess direttiva kienet bla bazi legali u libelluza."* (fol. 21).

2. Fir-rigward tas-suppliment pubblikat mill-parrocca ta' San Gorg, l-attur qieghed jilmenta mill-fatt li fl-artiklu jinghad li:-

- *"Minkejja li l-istess Awtorita' tax-Xandir ghal darbtejn ordnat lil Mons. Dr. Joe Vella Gauci, Arcipriet tal-Katidral, biex ma jhalix li tixxerred il-mibeghda fir-Rabat…."*;

- *"Ghalhekk mhux veritjier dak li gie pubblikat mis-Socjeta Il Leone ghax il-fatti huma li l-Awtorita' tax-Xandir b'mod l-aktar car ikkundannat lil Radju Katidral ghall-kliem ta' mibeghda li Dr. Michael Caruana qal fil-*

[1] Lulju-Awwissu 2007.
[2] Ara affidavit ta' Mons. Guzeppi Farrugia (fol. 18).

*prezenza ta' l-Arcipriet Vella Gauci u din il-kundanna ma gietx irtirata.";*

u li f'dan is-suppliment inghata l-messagg li l-attur qed ihalli li tixxerred il-mibeghda fir-Rabat.

3. Mons. Guzeppi Farrugia xehed: *"Is-suppliment Lulju-Awwissu 2007 tar-rivista il-Belt Victoria mahruga mill-Parrocca ta' San Gorg (nru 157) hareg bl-awtorita' tieghi, inkluza l-introduzzjoni fl-ewwel pagna intitolata 'Il-Verita dwar il-Kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir kontra Radju Katidral."* (fol. 18). Skond l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), *"editor means the person responsible for the publication of any printed matter and in respect of a newspaper or broadcasting service includes any person complying with the provisions of article 35."*.

4. Mill-provi rrizulta li fil-hargiet tar-rivista ghall-perjodu Jannar 2006 sa April 2007, fl-ahhar tal-editorjal hemm ***"Andrew Formosa editur"***. F'dawn ic-cirkostanzi mad-daqqa ta' ghajn qarrej hu gustifikat li jifhem li l-editur u l-awtur tal-editorjal hu l-konvenut Andrew Formosa. Il-Qorti qeghda tifhem li l-attur harrek lil dan il-konvenut fuq il-bazi ta' din l-informazzjoni. Kien imbaghad fil-kors tal-proceduri li l-konvenut xehed: *"Jiena m'inix l-editur tar-rivista il-Belt Victoria mahruga mill-Parrocca ta' San Gorg."* (fol. 17) u in kontro-ezami qal: *"Jiena qatt ma kont editur ta' din ir-rivista."* (fol. 75). Min-naha ta' Mons. Giuseppe Farrugia xehed li l-konvenut Andrew Formosa *"…ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod ma' l-imsemmi Suppliment la bhala editur, jew kittieb, jew konsulent jew fi kwalsiasi funzjoni ohra. Anzi, jiena konvint li hu lanqas biss kien a konoxxenza tal-fatt li kien ser jigi pubblikat tali Suppliment."*. X'jirrizulta mill-provi fil-kors ta' proceduri gudizzjarji hi kwistjoni ohra.

5. Wiehed mill-iskopijiet tal-istitut tal-kjamat fil-kawza hu l-ekonomija tal-gudizzju fis-sens li hu mezz biex jigu evitati proceduri doppji u spejjez bla bzonn. Il-kjamata fil-kawza hi maghmula mill-interess tal-persuna fl-ezitu tal-

proceduri, u f'dan il-kaz jidher li fuq bazi ta' *prima facie* Mons. Giuseppe Farrugia ghandu nteress in kwantu hu stess iddikjara li s-suppliment gie pubblikat bl-awtorizazzjoni tieghu. Fatt li l-qorti tifhmu gialadarba:-

(a) F'dak iz-zmien kien Arcipriet tal-parrocca ta' San Gorg;
(b) Ir-rivista tinhareg mill-istess parrocca;
(c) Kien Mons. Giuzeppi Farrugia li ghamel ilment mal-Awtorita' tax-Xandir dwar dak li kien intqal fil-konfront tieghu waqt programm tar-radju mxandar fis-16 ta' Awwissu 2006 minn Radju Katidral, Victoria, Ghawdex u li ghalih kien prezenti l-attur.

6. M'hemmx dubju li ordni sabiex persuna tigi msejha fil-kawza hi ammissibbli wkoll fejn l-interess ta' dik il-persuna kien jezisti mill-bidunett tal-proceduri. Inoltre, ghalkemm it-talba sabiex issir sejha fil-kawza saret wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza, l-Artikolu 961 (Kap. 12) jipprovdi li sejha ta' terza persuna tista' ssir ***"f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza"***. Ghalkemm il-gurisprudenza hi fis-sens li l-istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jintuza bhala mezz biex jigi sostitwit konvenut, min-naha l-ohra fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz is-sejha fil-kawza hu rimedju idoneju sabiex dawn il-proceduri jkunu jistghu jkomplu jiehdu l-kors taghhom wkoll fil-konfront ta' terza persuna (Mons. Guzeppi Farrugia) li fuq bazi ta' *prima facie* tidher li ghandha nteress fihom, u tigi wkoll evitata l-possibilta' li din il-kwistjoni (li bdiet f'Awwissu 2006) tibqa' ttul iktar zmien billi jfaqsu kawzi ohra bla bzonn. Dan apparti l-fatt li min-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-attur jidher li ghadu jinsisti li l-konvenut Andrew Formosa hu responsabbli ghal ragunijiet li jissemmew fl-istess nota. Ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba tal-attur biex jigi msejjah fil-kawza Mons. Giuzeppi Farrugia. Madankollu f'dan l-istadju mhux ser taghti decizjoni fuq l-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenuti, sabiex l-imsejjah fil-kawza bhala parti fil-kawza jkollu l-opportunita' li jressaq provi u jaghmel sottomissjonijiet fuq il-punti kollha sollevati fil-kors ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda:-

1. Tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.
2. Tilqa' t-talba tal-attur fis-sens li tordna li Mons. Giuzeppi Farrugia jigi msejjah fil-kawza.
3. Tordna wkoll lill-attur sabiex fi zmien **ghaxar (10) ijiem mil-lum** jipprezenta, permezz ta' nota, kopja vera tat-tape tal-programm li xxandar fuq Radju Katidral fis-16 ta' Awwissu 2006 u li wassal sabiex jitressaq ilment mal-Awtorita' tax-Xandir, u dan ghall-ahjar istruzzjoni tal-kawza. Kopja ta' l-istess ghandha tinghata lid-difensur tal-konvenut u l-imsejjah fil-kawza.

Tordna lill-attur sabiex ghas-spejjez tieghu l-imsejjah fil-kawza jigi notifikat bl-avviz tat-talba. Tiddiferixxi l-kawza **ghall-provi kollha tal-imsejjah fil-kawza ghas-seduta tat-Tlieta 15 ta' Lulju 2008 mill-10.30 a.m. sal-11.30 a.m.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------